Australian Government
Australian Signals Directorate

ASD AUSTRALIAN SIGNALS DIRECTORATE
ACSC Australian Cyber Security Centre



# KIF TUŻA L-INTERNET B’MOD SIKUR

## GWIDA GĦALL-ANZJANI

cyber.gov.au

# Daħla

**Li tkun onlajn jippermettilek li tibqa' f'kuntatt ma' ħbieb u mal-familja, titgħallem fuq diversi suġġetti, u anke tilgħab xi logħob.**

Bħal ma taqfel iċ-ċintorin tas-sigurtà qabel ma ssuq, għandek tieħu passi qabel ma tuża l-internet biex tkun aktar sikur.

Iċ-Ċentru Awstraljan tas-Cyber Security (Australian Cyber Security Centre (ACSC)) jixtieq jiżgura li kulħadd ikun sikur meta jkun onlajn. Dan id-dokument ikopri xi prattiċi bażiċi ta' cyber security li tista' tuża biex tipproteġi lilek innifsek meta taċċessa l-internet.




Iċ-Ċentru Awstraljan tas-Cyber Security (The Australian Cyber Security Centre (ACSC)), bħala parti mid-Direttorat tas-Sinjali tal-Awstralja (the Australian Signals Directorate (ASD)), jipprovdi pariri, għajnuna u rispons operattiv biex jipprevjeni, jiskopri u jirrimedja theddid onlajn lill-Awstralja. L-ACSC teżisti ħalli tgħin biex l-Awstralja tkun l-aktar post sikur biex tikkonnettja onlajn.
**Għall-aktar informazzjoni dwar is-cyber security, gwidi u pariri żur cyber.gov.au**





# Cyber security għall-anzjani

## Suġġeriment 1: Aġġorna t-tagħmir diġitali tiegħek

**Li taġġorna s-software tiegħek qisu bħal meta tagħmel service lill-karozza. Dan itejjeb kif jaħdem it-tagħmir u jirrendih aktar sikur.**

Il-kriminali onlajn dejjem qed isibu modi ġodda kif jiħħekkjaw it-tagħmir. Li tissettja t-tagħmir tiegħek biex awtomatikament jinstalla aġġornamenti jista' jsewwi xi dgħufija fis-software tiegħek u jżomm il-'hackers' 'il bogħod.

**Għal iktar informazzjoni, fittex 'Updates' fuq** cyber.gov.au











## Suġġeriment 2: Ippermetti l-awtentikazzjoni b'ħafna livelli

**L-awtentikazzjoni b'ħafna livelli fl-akkawnt tiegħek hija bħal bieb bi skrin tas-sigurtà għad-dar tiegħek. Tipproteġik mill-kriminali li qed jippruvaw jidħlu.**

Bl-awtentikazzjoni b'ħafna livelli attivata, trid tagħti diversi biċċiet ta' informazzjoni biex tikseb aċċess għall-akkawnt tiegħek. Per eżempju, forsi jkollok bżonn iddaħħal il-password u kodiċi f'SMS (text message) biex tidħol fil-profil tal-midja soċjali tiegħek.

Il-livelli diversi jagħmluha aktar diffiċli għall-kriminali onlajn li jiħħekkjaw il-kompjuter. Forsi jirnexxilhom jaċċessaw parti waħda, bħall-password tiegħek, imma xorta jkollhom bżonn jakkwistaw it-trufijiet l-oħra tal-kobba biex jaċċessaw l-akkawnt tiegħek.

**Għal iktar informazzjoni, fittex 'Multi-factor authentication' jew 'MFA' fuq cyber.gov.au**







**FTAKAR:**

**Jekk trid għajnuna biex tippermetti l-awtentikazzjoni b'ħafna livelli, staqsi lil xi ħabib jew membru tal-familja għall-għajnuna.**







## Suġġeriment 3: Agħmel backup tat-tagħmir diġitali tiegħek

**Tagħmel 'backup' isesħ meta inti tagħmel kopja tal-fajls importanti tiegħek u tpoġġihom x'imkien sikur. Qisu meta tagħmel fotokopja ta' ritratti prezzjużi biex iżżommhom ġo sejf f'każ li titlef l-oriġinali.**




Meta tagħmel backup tal-kompjuter, telefown jew tablet tiegħek, kopji tal-fajls tiegħek jiġu ssejvjati onlajn jew f'tagħmir separat. Li jkollok backup tal-fajls importanti tiegħek u ta' ritratti li tgħożż ser jipprovdilek serħan il-moħħ.

Jekk it-tagħmir tiegħek jiġrilu l-ħsara jew tiġi iħħekkjat minn kriminali onlajn, tkun tista' faċilment iġġib lura l-fajls tiegħek mill-backups tiegħek.

**Għal iktar informazzjoni, fittex 'Backups' fuq** cyber.gov.au




**KONT TAF LI:**

**Li tagħmel backup tat-tagħmir tiegħek regolarment** ifisser li dejjem ser ikollok aċċess għall-aktar fajls aġġornati tiegħek.

## Suġġeriment 4: Uża passphrase

**Jekk password issakkarlek l-akkawnt tiegħek, passphrase għandha sistema ta' sigurtà fiha nnfisha! Huma verżjonijiet aktar b'saħħithom u aktar sikuri mill-passwords.**




Meta ma tistax tattiva l-MFA, uża passphrase biex tassikura l-akkawnt tiegħek. Il-passphrases jużaw erba' kelmiet jew aktar magħżula bla ħsieb bħala l-password tiegħek. Dan jagħmilha diffiċli għall-kriminali onlajn biex ibassruhom imma faċli għalik biex tiftakarhom.

Meta toħloq passphrase, agħmilha:

- **Twila.** Aktar ma tkun twila, tant l-aħjar. Minn tal-inqas immira li tkun twila b'14-il karattru. Taħlita bla ħsieb ta' erba' kelmiet jew aktar li ser tiftakar hija tajba ħafna. Per eżempju, 'vjola papra patata dgħajsa'.
- **Imprevedibbli.** Inqas ma tkun prevedibbli l-passphrase tiegħek, tant l-aħjar. Sentenzi jistgħu jkunu passphrases tajbin ħafna, iżda wieħed jista' jbassarhom aktar faċilment. Taħlita bla ħsieb ta' erba' kelmiet jew aktar ser joħolqu passphrase aktar b'saħħitha.
- **Unika.** Tirriċiklax l-passphrases tiegħek. Uża passphrases differenti għall-accounts different. Jekk tbati biex tiftakar il- passphrases kollha tiegħek, ikkunsidra tuża maniġer tal-passwords. B'maniġer tal-passwords, ikollok tiftakar password wieħed biss, bil-maniġer tal-passwords jieħu ħsieb tal-bqija. Fittex 'password manager' fuq 'cyber.gov.au għal iktar pariri.



Tgħallem iktar dwar kif toħloq passphrases siguri billi tfittex 'Passphrases' fuq cyber.gov.au





## Suġġeriment 5: Irrikonoxxi u rrapporta skemi qarrieqa



**Aktar ma tgħaġġel biex tirrapporta skema, aktar nkunu nistgħu nieħdu azzjoni malajr.**

Jekk temmen li xi ħadd qed jipprova juża l-internet biex jingannak, aħjar tkun proattiv u attent milli tirriskja li jieħdu vantaġġ minnek.

Jekk xi ħaġa tidher tajba wisq biex titwemmen, probabbli hekk hi. Waqt li messaġġ jista' jgħid li irbaħt premju jew li l-kompjuter tiegħek għandu virus, dak il-messaġġ m'huwiex uniku għalik.

Jista' jkun li ġej minn xi ħadd qarrieq u li jridu jieħdu vantaġġ minnek.

Ftakar, li scammers sikwit jippretendu li huma xi persuna jew organizzazzjoni li inti tafda. Issuspetta ħażin jekk tirċievi messaġġ li jidher ġej mingħand xi ħadd li tafda iżda li qed juża numru, imejl jew profil tal-midja soċjali ġdid. Qabel ma tirrispondi, ivverifika li l-persuna jew l-organizzazzjoni li qed tikkuntatjak hija veru min hija billi tikkuntatjahom fuq mezz li tista' tafda. Per eżempju, jekk tirċievi messaġġ b'text li jidher li huwa xi ħadd minn uliedek, iżda jiġi minn numru ġdid, tirrispondix. L-ewwel ibagħatilhom messaġġ fuq il-midja soċjali biex tiċċekkja jekk hux veru li biddlu n-numru tat-telefon tagħhom

**KONT TAF LI:**

Il-kriminali onlajn jilħqilhom moħħhom u forsi jużaw isem u indirizz tal-email familjari. Oqgħod attent jekk:

- tiġi mitlub biex tħallas kont b'mod urġenti
- tiġi mitlub biex tibdel id-dettalji tiegħek jew il-password
- tiġi mitlub biex tikklikkja fuq link jew tiftaħ dokument mehmuż.



## Konklużjoni

**Issa li inti armat bit-tagħrif kif tuża l-internet b'mod aktar sikur, tista' tibbrawżja b'kunfidenza u tkompli tieħu gost bil-ħin li tqatta' onlajn.**

Ftakar biss, il-kriminali onlajn dejjem qed jiskopru modi ġodda kif jimmiraw li jqarrqu bin-nies.

Qatt ma jagħmel deni li titgħallem aktar dwar is-cyber security minn żmien għall-ieħor u dwar modi ġodda biex tibqa' sikur.

# Suġġerimenti oħra

### Trid titgħallem aktar modi kif tibqa' sikur onlajn? Ara dawn is-suġġerimenti li ġejjin.

**Aħseb fuq dak li tippowstja.**

Aħseb sew fuq l-informazzjoni li taqsam onlajn u min ser jaraha. Aċċetta rikjesti għall-ħbiberija minn persuni li taf fil-ħajja ta' kuljum biss.

**Irċievi twissijiet ta' theddid ġdid.**

Inkiteb għas-servizz b'xejn ta' twissija tagħna. Dan jgħarrfek kull meta nsibu theddida onlajn ġdida.

Dan ser itik ukoll parir dwar x'tagħmel jekk ikun hemm attakk.

**Tkellem dwar is-cyber security onlajn mal-familja u l-ħbieb.**

Issa li tgħallimt aktar fuq is-cyber security, aqsam dak li tgħallimt mal-familja u l- ħbieb. L-għarfien tiegħek jista' jgħinhom joħorġu minn sitwazzjoni prekarja 'l quddiem!

**Evita l-Wi-Fi pubbliku meta tkun qed tibbankja jew tixtri onlajn.**

Il-Wi-Fi pubbliku huwa tajjeb meta tkun qed tara vidjos jew taqra websajts iżda ħalli kwalunkwe attivatijiet onlajn li jinvolvu flus għall-konnessjoni tal-internet id-dar. Il-Wi-Fi pubbliku jista' jkun riskjuż.

**Irrapporta atti kriminali u inċidenti onlajn biex inżommu lill-Awstralja sikura.**

Jekk taħseb li kont vittma ta' att kriminali onlajn, ħu azzjoni malajr. Aktar pariri jinsabu fis-sit cyber.gov.au





## Tisliba fuq is-cyber security



**WEQFIN**

1. Connected to the internet
2. A strong password
3. A person who uses computers to steal data
8. Software that destroys viruses
9. A deceptive scheme or trick
12. A copy of your computer's files
13. Relating to, or involving computers

**MIMDUDIN**

4. Wireless networking technology
5. Australia's lead agency for cyber security
6. A document on the World Wide Web
7. To give information about something
10. New, improved or more secure versions of software
11. Electronic mail
14. The state of being free from danger or threat
15. A tool that can connect to the internet

## Gwidi supplimentari

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ara s-serje tagħna *Is-Sigurtà Personali Onlajn (Personal Cyber Security)*: tliet gwidi maħluqin biex jgħinu Awstraljani komuni biex jifhmu l-fatti bażiċi tas-cyber security u x'tista' tagħmel biex tipproteġi lilek innifsek minn theddid ta' sigurtà onlajn komuni.










Tista' taċċessa t-tliet gwidi kollha fuq **cyber.gov.au**

## Tweġibiet għat-tisliba

1. online, 2. passphrase, 3. hacker, 4. Wi-Fi, 5. ACSC, 6. webpage, 7. report, 8. antivirus, 9. scam, 10. updates, 11. email, 12. backup, 13. cyber, 14. security, 15. device



Kif Tuża l-Internet b'Mod Sikur

# Noti

### Ċaħda tar-responsabbiltà

Il-materjal f'din il-gwida huwa ta' natura ġenerali u m'għandux jitqies bħala parir legali jew li tibbaża fuqu għal għajnuna f'xi ċirkustanza partikolari jew sitwazzjoni ta' emerġenza. Fi kwalunkwe kwistjoni importanti, għandek tfittex parir professjonali indipendenti xieraq fir-rigward taċ-ċirkostanzi propji tiegħek.

Il-Commonwealth ma taċċetta l-ebda responsabbiltà jew liabilità għal kwalunkwe ħsara, telf jew spiża li tkun ġarrabt bħala riżultat tad-dipendenza fuq l-informazzjoni li tinsab f'din il-gwida.


### Copyright

© Commonwealth of Australia 2023
Bl-eċċezzjoni tal-Arma (Coat of Arms) u fejn huwa ddikjarat mod ieħor, il-materjal kollu ppreżentat f'din il-pubblikazzjoni huwa pprovdut taħt liċenzja tal-Creative Commons Attribution4.0 International (www.creativecommons.org/licenses).

Biex jiġi evitat kull dubju, dan ifisser li din il-liċenzja tapplika biss għal materjal skont kif inhu stabbilit f'dan id-dokument.

Id-dettalji tal-kundizzjonijiet tal-liċenzja rilevanti huma disponibbli fuq il-websajt ta' Creative Commons fejn issib ukoll il-kodiċi legali sħiħ għal-liċenzja CC BY 4.0 (www.creativecommons.org/licenses).


### L-użu ta' l-Arma

It-termini li taħthom tista' tintuża l-Arma huma dettaljati fuq il-websajt tad-Dipartiment tal-Prim Ministru u tal-Kabinett (www.pmc.gov.au/government/commonwealth-coat-arms).

**Għal aktar informazzjoni, jew biex tirrapporta inċident ta' cyber security, ikkuntattjana:**

cyber.gov.au | 1300 CYBER1 (1300 292 371)

Dan in-numru jista' jintuża biss fl-Awstralja.


Australian Government
Australian Signals Directorate

ASD AUSTRALIAN SIGNALS DIRECTORATE
ACSC Australian Cyber Security Centre